TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

Reno Bartolo

vs

Optical Point

CCT/150/16/MS

Illum 20 ta' Frar 2017

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat fil-11 ta' Awwissu 2016 fejn l-attur talab ir-rifuzjoni ta' mitejn u hamsin Euro ghall-lenti ta' nuccali allegatament difettuz.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata pprezentat fl-20 ta' Settembru 2016 fejn cahdet l-allegazjoni tal-attur u insistiet illi l-lenti ma kellhom l-ebda difett fil-manifattura u l-hsara konsistenti fi brix kienet konsegwenza ta' uzu hazin tan-nuccali.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti kollha processwali.

Ikkunsidra

Illi fit-3 ta' Settembru 2015 l-attur xtara nuccali minghand l-azjenda intimata ghall-prezz totali ta' €325, kwantu ghall- €250.00 lenti u €75.00 il-frame (order number 1057).

Illi skond ma xehed l-attur dan ma jistax juza n-nuccali peress illi ma jistax jara bihom. Spjega ukoll "jiena m'inix qed nara ghax il-lenti misluhin mhux ghax ir-ricetta hija hazina."

Illi min-naha l-ohra, Mark Muscat ghan-nom tal-azjenda intimata ikkonferma illi kien hemm brix fil-lenti, fl-liema kaz mhumiex responsabbli peress illi dan ma jirispettax difett maghmul mill-fabbrika. L-istess xehed Rudi Mifsud Bonnici, it-tekniku prodott mill-azjenda intimata fejn qal " jiena rajt il-lenti u kienu jidhru li t-tip ta' brix kien mill-uzu u mhux minhabba difett fil-coating." Zied ighid ukoll li l-brix kien fil-*curvature* li jaqbel preciz mal-parti ta' isfel tal-lenti meta dawn jahbtu ma' flat surface.

Ikkunsidra

Illi it-Tribunal ma jidhirlux illi r-rikorrent lahaq dik il-grad ta' prova li trid il-ligi sabiex jirnexxi fl-istanza tieghu. F'dan il-kaz ir-rikorrent kellu jipprova almenu fuq bazi ta' probabbilita' li l-brix jew id-difetti li kien fit in-nuccali kienu konsegwenza ta' xi agir min-naha tal-azjenda intimata jew xi difett fil-manifattura. Ma ngabet l-ebda prova illi meta nxtara n-nuccali fit-3 ta' Settembru 2015 in-nuccali kien fih xi brix u ghalhekk dan ma jaghti l-ebda konfort lill-attur illi jinkombu fuqu l-prova ta' responsabbilta' tal-azjenda intimata kif fuq inghad. L-attur missu qaghad ferm attent ghal dak li kien qed jixtri. Bhal ma jghallem id-dritt Ruman "caveat emptor". Ergo ma jistax issa jitfa xi dell fuq l-azjenda intimata ghan-nuqqas illi jiehu hsieb id-drittijiet tieghu. Terga' u tghid, il-versjoni tal-azienda intimata hija aktar probabbli. Il-brix jinstab fil-kurvatura tal-lenti, fejn ikun soggett ghal tali hsara jekk in-nuccali jitqieghed wiccu l-isfel fuq xi wicc catt.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li jichad it-talba tal-attur bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru